Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,339, 5 ta' November, 2024
Taqsima B

A.L. 290 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 219 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2025 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu evidenza ta' esperjenza ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni mal-kunsill regolatorju rilevanti fil-qasam ta' studju propost jew fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni, jekk applikabbli. L-għadd minimu ta' snin ta' esperjenza meħtieġ għandu jkun indikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet."